KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 5/2021**

19 ta' Mejju 2021

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**5.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

5.1.1 Ma kienx hemm

**5.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

**5.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 3 u 4 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

**5.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sinjur Vincent Bongailas, il-minuti ġew approvati unanimament

**5.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**5.3.A** Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-aħħar żviluppi fuq Triq is-Sienja fejn f'dawn l-aħħar jiem kien hemm xi problema bis-supply tal-materjal minn naħa tal-kuntrattur u wieħed forsi seta' jara waqfien fuq ix-xogħol ta' kostruzzjoni perse. Tajjeb li wieħed ikun informat illi s-Sindku qiegħed iżomm kuntatt kontinwu mal-Perit inkarigat fuq din it-triq biex ikollu feedback konkret tax-xogħolijiet fiż-żona, fl-istess ħin il-kunsill qed iżomm log book tal-ilmenti kollha formali li qed jidħlu mingħand ir-residenti flimkien mal-istess perit biex fejn ikun possibli jiġu solvuti dawn l-ilment fl-inqas żmien possibli. Is-Sindku żied jgħid illi billi wieħed ma jarax aġġornamenti fuq il-midja soċjali uffiċjali tal-kunsill ma jfissirx li x-xogħolijiet ma jkunux għaddejjin. Il-Perit ikkonferma u qiegħed jipproġetta illi dak li suppost kien lest sa Mejju issa ser ikun lest sa Ġunju 2021 la darba ma jkunx hemm kumplikazzjonijiet bħal ma diġa' kien hemm. Nammettu li dan ix-xogħol ma żammx l-iskeda ta' żmien tiegħu pero' wieħed irid jifhem illi triq twila bħal dik kienet xi ħaġa mpossibli li ma jinqalawx intoppi sfortunatament.

B Is-Sur Sindku nforma l-kunsill dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward ta' tibdil tal-ismijiet tat-toroq li wara proċess twil skond il-liġi u skond kif ġie ggwidat il-kunsill li jrid jagħmel minn naħa tad-'door numbering unit', wieħed wasal fil-final biex b'hekk jinbidlu l-ismijiet ta' toroq magħżula fuq proponiment tas-Sindku u qbil minn naħa tal-kunsill fix-xhur li għaddew. Is-Sindku wera 'leaflet' lest lill-bqija tal-kunsill u spjegalom illi n-nies kollha li joqgħodu fit-toroq li ser tinbidilom isimhom ser ikunu qed jirċievu dan il-'leaflet' ta' informazzjoni kif ukoll ittra uffiċjali mill-awtorita' kkonċernata għal referenza tagħhom. Is-Sindku żied jgħid illi l-Ġimgħa

21 ta' Mejju 2021 ser tiġi organizzata t-tnedija uffiċjali ta' dawn l-istess toroq. Il-membri kollha tal-kunsill ġew uffiċjalment mistiedna kif ukoll ser ikunu mistiednin ir-residenti taż-żoni mibdula flimkien ma' xi nies prominenti li jgħinu lill-Kalkara b'xi mod jew ieħor. Is-Sindku żied jgħid illi din hija biss l-ewwel fażi, u li ser ikun hemm fażijiet oħra biex jittranġaw anomaliji ta' numri ħżiena fit-toroq kif ukoll jingħataw isem xieraq biex il-Kalkara jżomm element ta' kultura fi ħdana.

C Is-Sindku nforma l-kunsill dwar laqgħa formali li kellu ma' Dr Pullicino Orlando bħala l-kap tal-MCST fuq iż-żona ta' taħt il-ballun ta' Esplora fejn f'dawn l-aħħar xhur ġie riġenerat minn naħa tagħhom stess. Is-Sindku xtaq li jkun hemm mou bejn il-kunsill u l-MCST biex wieħed ikollu referenza għal ġenerazzjonijiet futuri. Tajjeb li wieħed jgħid illi ż-żona hija waħda pubblika pero' taqa taħt l-MCST sa ċertu punt u limitazzjonijiet. Tajjeb li wieħed jitkellem rigward tindif taż-żona fejn la darba din hija pubblika u ġiet irritornata lura rriġenerata, il-kunsill għandu jieħu ħsieb li ż-żona tkun waħda nadifa. Il-kunsill qabel illi qabel wieħed jiffirma dan l-mou u jiżdied il- piż finanzjarju fil-kuntratt tat-tindif wieħed irid jara oppzjonijiet oħra bħal forsi lokalitajiet oħra biex wieħed jibbenefika minn xi għajnuna ta' xi awtorita' f'dan ir- rigward. Is-Sindku ser ikun qed jieħu ħsieb illi jibda diskussjonijiet formali mal-awtoritajiet li jaħseb jistgħu jkunu ta' għajnuna biex din iż-żona tkun waħda miżmuma bl-aħjar mod.

d Is-Sur Sindku nforma lill-kunsill illi f'dawn l-aħħar jiem kien hemm għajdud anke fuq il-midja soċjali illi ż-żona tal-mażżri kif ukoll il-puntuni fiż-żona tax-Xewkija kienet se tikber. Huwa skeda laqgħa b'urġenza mal-awtorita' kkonċentrata biex dawn l-għajdud jiġu diskussi u jkun hemm konformita' ma' dak li kien ġie mwiegħed xhur ilu fuq iż-żona. Is-Sindku seta' jikkonferma waqt din il-laqgħa huwa ġie gwidat illi l-yacht marina (tal-puntuni) preżenti m'hijiex ser tikber b'ċentimetru hekk kif ħafna nies ħasbu u qalu, filwaqt li l-mażri ser jiġri ri-organiżati bir-responsabilta' kollha titieħed minn Transport Malta. Din hija kwistjoni li taqta' minn żewġ naħat fejn forsi jkollok nies interessati li jkollhom post fejn ipoġġu d-dgħajsa u minn naħa l-oħra jkollok nies illi jimpurtahom iktar mill-karatteristika tal-istess lokal. Tajjeb li wieħed jgħid li l-kunsill ser jibqa' jagħmel pressjoni biex iż-żona tiġi rriġenerata u mhux mibdula mid-dehra tagħha.

e Is-Sindku nforma l-kunsill fuq l-aħħar żviluppi fir-rigward is-sit il-ġdid tal-librerija pubblika fejn f'dawn l-aħħar xhur kien hemm ħaddiema mill-faċilita' korretiva ta' Kordin kif ukoll ħaddiema mibgħuta mir-Reġjun Xlokk bħala għajnuna lill-kunsill stess biex wieħed inaqqas mill-ispejjeż. Ser ikunu qed ikomplu x-xogħolijiet fuq dik li ġejja r-reading corner fuq barra tal-istess sit fil-ġranet li ġejjin mill-ħaddiema tal-kunsill biex wieħed ikun jista' jagħti data ta' konferma għal ftuħ uffiċjali. Tajjeb li wieħed japprezza x-xogħol kontinwu li kien qed isir mill-ħaddiema kollha inkluż dawk li xogħolom fl-uffiċju biex dan is-sit abbandunat seta' jittranġa bl-aħjar mod possibli bil-limitazzjoni kollha tal-istess kunsill.

F Is-Sindku nforma l-kunsill dwar rapport li saru minn naħa tal-kunsill fuq abbuż ta' kostruzzjoni li sar aktar kmieni dan ix-xahar fiż-żona ta' Triq Patri Mattew Sultana speċjalment fuq siġra indiġena. Il-kunsill ħa ħsieb li jagħmel rapport uffiċjali mal-BCA, Planning Authority, Puluzija u anke SCM u ERA fuq din il-kwistjoni. Tajjeb li wieħed ikun infurmat biex jekk anke xi membri mill-kunsill jiġu mistoqsijiet minn residenti kkonċernati fuq din il-kostruzzjoni wieħed jagħti risposti konkreti fuq dak li jkun qed jagħmel il-kunsill ħalli t-tweġibiet ikunu kollha l-istess ħabba raġunijiet varji. Is-Sindku żied jgħid illi din il-kwistjoni ma nqabditx minn qrunha kif jgħid il-malti fis-sena 2018 meta wieħed kellu ċans jagħmel oġġezzjoni konkreta u li din hija riperkussjoni fuq dak li qed jiġri fil-preżent. Is-Sindku qal ukoll illi jifhem illi huwa nkonvenjent fiż-żona imma wieħed irid jifhem illi din hija żona ta' kostruzzjoni u li qed tiġi zviluppata fil-preżent. Is-Sindku qal ukoll illi fuq il-midja soċjali kien hemm xi ħadd ukoll li implika li l-kunsill qed idaħħal xi flus fil-but biex iħalli dan l-iżvilupp isir u li dan żgur li mhux aċċettabbli infatti kontra kull mixtieq kien is-Sindku stess li għamel rapport mas-Supretendent fuq dan ir-rigward.

g.Is-Sindku nforma l-kunsill illi tqassmet xitla tal-fjuri f'kull residenza mill-ħaddiema tal-kunsill wara li kien hu stess li għamel l-arranġamenti neċessarji bħas-sena li għaddiet biex mill-infiorata tal-belt l-istess pjanti jiġu rregalati lill-kunsill biex dawn setgħu jitqassmu lir-residenti tal-Kalkara.

H Ma kien hemm l-ebda punti ġenerali

I Is-Seg Eżek ippreżentat abbozz ta' dokumenti flimkien ma' pjanti li qed jiġu proposti minn TM biex tinfetaħ triq minn Triq iż-Żebbuġ li toħroġ għal Triq Santa Liberata. Il-kunsill qabel unanimament illi din it-triq ma hijiex ta' bżonn u li ser ikun hemm problema ta' kif wieħed joħroġ minn Triq iż-Żebbuġ ħabba n-natura tat-triq minnha infisha speċjalment meta Santa Liberata hija waħda meqjusa bħala triq arterjali u traffikuża.

J Abbozz ta' minuti nnumerati 2.21 kif ukoll 3.21 bl-iskedi abbinati magħhom ġew approvati formalmanet dan wara li ma setgħetx issir laqgħa tal-kunsill minħabba illi s-Seg Eżek kienet qed tobdi direttivi tal-union tagħhom stess minħabba affarijiet amministrattivi.

**5.4 A 4.3.g** Il-kunsill talab lis-Seg Eżek tiċċekja mad-dipartiment tal-kunsilli jekk għadniex fi żmien biex issir il-laqgħa annwali li s-soltu ssir sal-aħħar ta' April 2021 dan wara wkoll illi ma setgħetx issir ħabba direttivi mill-union lis-Seg Eżek.

5.5a Is-Sur Bongailas informa l-kunsill illi fil-ġranet li ġejjin ser ikun qed jaħdem fuq attivita' tat-tberik tal-annimali u ser ikun qed jikkonferma data u jagħti aktar dettalji ta' x'ser jiġi organizzat iktar tard.

5.5 b  Is-Sinjura Maria Sultana talbet biex isir refreshing tal-parkeġġi u linji gwida fiż-żona tal-Bajja ta' Rinella

5.5 c 1  Is-Sinjura Chircop resqet ilment dwar l-'overspeeding' li qed isir in-naħa ta' Santu Rokku fejn hemm ftit familji joqgħodu fejn dawn tkellmu magħha u ssuġerew li ssir 'speed camera' fiż-żona.

5.5 c2 Is-Sinjura Speranza Chircop issuġġeriet li t-truck tal-Wasteserv li jiġi fil-Kalkara kif inhu skedat fil-lokal tajjeb li jkollu ħin stazzjonat in-naħa ta' Santu Rokku barra x-xatt u Triq Rinella l-għaliex sabuwha xi nies u qalula illi qed isibuwha diffiċli biex jibbenefikaw minn dan is-servizz ħabba illi din hija żona ferm il-bogħod minn fejn fil-preżent ikun skedat.

5.5c3 Is-Sinjura Chircop infurmat illi fil-ġranet li ġejjin ser tkun qed torganizza ħarġa lejn Sannat, Ghawdex dan ukoll wara li hi stess kellmet lis-Sindku tal-lokal peress li anke fil-passat kien hemm ħbiberiji amministrattivi biex saru xi korsijiet kif ukoll ħruġ lejn Malta u Ghawdex organizzati kemm mill-Kunsill tal-Kalkara kif ukoll dak ta' Sannat

5.5 d  Is-Sur Chris Bruno ma kellu l-ebda punt x'jiġi diskuss

**5.6** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**5.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**5.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 4.20 u 5.20

**5.7** **Mozzjonijiet**

5.7.1 Is-Sinjura Sultana spjegat u ssuġġeriet illi l-flus għal din il-mozzjoni għandhom jingħataw biex lit-tfal tas-sitt sena jitħallsilom ikel bħal 'pizza' jew 'chicken

nuggets' fl-aħħar ġurnata tal-iskola bħala kumplimet mill-kunsill. Is-Sindku saħaq u għamel enfażi illi hu ma jaqbilx ma' din il-mozzjoni minħabba l-fatt illi kien ikun iktar xieraq kieku l-kunsill ta' xi 'totem'jew ktieb li jibqa' u mhux ikel lil dawn it-tfal kif ukoll semma l-kwistjoni ta' 'healthy eating' u li dak li qed jiġi ssuġġerit m'hu 'healthy' xejn. Wara diskussjoni twila fuq dan ir-rigward il-kunsill b'erbgħa voti kontra wieħed qabel illi l-kunsill għandu jħallas l-ikel li qed jiġi ssuġerit mis-Sinjura Sultana wara li jinġieb rendikont u rċevuti fiskali ta' dak li jkun intefaq.

**5.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

5.8.1 Is-Seduta ntemmet fil-5:30 pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-16 ta' Gunju 2021 fl-4:00 pm.

Konfermati, illum ________________________________

________________________
**Wayne Aquilina**
Sindku

________________________
**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv